IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2021
COM(2021) 372 final

2021/0184 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fit-22 ta' Ġunju 2018[1], il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku ("il-Konvenzjoni").

Skont l-Artikolu 24(2)(a) tal-Konvenzjoni, il-Partijiet Kontraenti jistgħu, b'kunsens, jistiednu organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika li l-bastimenti tas-sajd tagħhom jixtiequ jistadu fiż-Żona ta' Applikazzjoni tal-Konvenzjoni biex jaderixxu mal-Konvenzjoni.

L-Unjoni ressqet talbiet biex taderixxi mal-Konvenzjoni fl-2018, fl-2019, fl-2020 u fl-2021. Il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana (North Pacific Fisheries Commission/NPFC), il-korp stabbilit mill-Konvenzjoni għall-ġestjoni tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni, ma setgħetx tilħaq kunsens dwar it-talbiet tal-Unjoni għall-2018 u l-2019 fir-raba' u l-ħames sessjonijiet annwali tagħha fl-2018 u fl-2019 rispettivament. Fl-2020 ma saret l-ebda sessjoni annwali minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u għalhekk l-NPFC ma kkunsidratx it-talba tal-Unjoni għall-2020. Fis-sitt sessjoni annwali tagħha mit-23 sal-25 ta' Frar 2021, l-NPFC aċċettat it-talba tal-Unjoni u b'kunsens, stiednet lill-Unjoni taderixxi mal-Konvenzjoni u tiddepożita l-istrumenti ta' ratifika mad-Depożitarju, il-Gvern tar-Repubblika tal-Korea.

Permezz tal-adeżjoni tagħha mal-Konvenzjoni, l-Unjoni għandha l-għan li tissodisfa l-interess tal-Istati Membri u tal-bastimenti tal-Unjoni kkonċernati li jiksbu aċċess għar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona ta' Applikazzjoni tal-Konvenzjoni. L-Unjoni qiegħda tfittex ukoll li tiżgura l-isfruttament, il-ġestjoni u l-konservazzjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ambjent tal-baħar ġestiti mill-NPFC.

Il-proposta attwali hija għal Deċiżjoni tal-Kunsill biex taderixxi mal-Konvenzjoni wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

L-Organizazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (Regional Fisheries Management Organisations/RFMOs) huma: organizzazzjonijiet internazzjonali tal-pajjiżi, li wħud minnhom huma stati kostali; organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika, bħall-Unjoni Ewropea; u entitajiet tas-sajd b'interessi fis-sajd f'żoni partikolari. Uħud mill-RFMOs jamministraw l-istokkijiet kollha tal-ħut f'żoni speċifiċi, filwaqt li oħrajn jikkonċentraw fuq speċijiet partikolari migratorji ħafna, partikolarment it-tonn, f'żoni ġeografiċi vasti. Filwaqt li xi wħud huma purament konsultattivi, ħafna minnhom għandhom setgħat ta' ġestjoni biex jistabbilixxu limiti ta' qbid u tal-isforz tas-sajd, miżuri tekniċi u obbligi ta' kontroll.

F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Parteċipazzjoni fl-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd (RFOs)"[2], l-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament (UE) Nru

[1] ST 10082 2018.
[2] COM(1999) 613 final tal-8.12.1999.

1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd[3], u mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 rigward il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-"Dimensjoni Esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd"[4], l-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, għandha rwol attiv f'sitt organizzazzjonijiet tat-tonn u fi 11-il organizzazzjoni mhux tat-tonn.

Il-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna"[5] u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' April 2017 dwar dik il-Komunikazzjoni Konġunta, jippromwovu miżuri għall-appoġġ u t-tisħiħ tal-effikaċja tal-RFMOs u, skont kif ikun rilevanti, għat-titjib tal-governanza tagħhom. Din hija karatteristika ċentrali tal-azzjoni tal-UE f'dawn il-fora.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni hija kompletament konsistenti mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2020 rigward il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-"Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030"[6].

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija bbażata fuq it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jirrikjedi proposta mill-Kummissjoni biex il-Kunsill jadotta din id-Deċiżjoni, bil-kunsens tal-Parlament Ewropew.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

---

3 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

4 COM(2011) 424 final tal-13.7.2011.

5 JOIN(2016) 49 final tal-10.11.2016.

6 COM(2020) 380 final tal-20.5.2020.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Lejn tmiem l-2017, l-Istati Membri u għadd ta' operaturi tas-sajd individwali tal-UE talbu lill-Kummissjoni tibda bin-negozjati tal-adeżjoni . L-organizzazzjonijiet u l-gruppi ta' interess rilevanti ġew ikkonsultati fil-bidu tal-2018 biex jiġi żgurat li n-negozjati futuri dwar l-adeżjoni possibbli tal-UE mal-Konvenzjoni jqisu l-fehmiet tagħhom. Huma inkludew lir-rappreżentanti tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, tal-industrija tas-sajd tal-UE u tal-NGOs, kif ukoll taċ-ċittadini u l-konsumaturi tal-UE. Matul dawn il-konsultazzjonijiet, l-industrija tas-sajd tal-UE ħeġġet lill-istituzzjonijiet tal-UE jiksbu l-ftehim biex il-flotta tal-UE tibda tistad fiż-Żona ta' Applikazzjoni tal-Konvenzjoni mill-aktar fis possibbli. Fil-fehma tagħhom, l-aktar mezz rapidu kif dan jintlaħaq huwa approċċ f'żewġ stadji li permezz tiegħu l-UE l-ewwel issir Parti mhux Kontraenti li tikkoopera (non-Contracting Party/CNCP) iżda bl-ambizzjoni espressa li ssir membru sħiħ tal-NPFC ftit wara. Matul il-konsultazzjonijiet ma waslux kummenti oħra.

Għalkemm il-mandat tal-Kunsill ippreveda l-possibbiltà ta' involviment fin-negozjati mal-NPFC biex l-Unjoni tkun tista' ssir CNCP. Madankollu, tqies preferibbli li tiġi segwita sħubija sħiħa, peress li l-istatus tas-CNCP ma jirriflettix b'mod adegwat il-livell u l-intensità tal-involviment intenzjonat tal-Unjoni fl-NPFC.

Il-partijiet ikkonċernati kienu wkoll assoċjati mill-qrib fit-tħejjija tat-talbiet għall-adeżjoni tal-Unjoni, kif ukoll qabel u matul id-diskussjonijiet tal-adeżjoni li saru fis-sessjonijiet annwali tal-NPFC tal-2018, l-2019 u l-2021.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni se teħtieġ il-pagament ta' kontribuzzjoni finanzjarja annwali lill-NPFC mil-linja baġitarja 08.05.02 ("Kontribuzzjonijiet obbligatorji lill-RFMOs u lil Organizzazzjonijiet Internazzjonali oħra"), stmata għal EUR 60 000 fis-sena. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiżdied, skont is-sajd futur tagħha fiż-Żona ta' Applikazzjoni. L-esiġenzi preċiżi se jiffurmaw parti mill-ammonti stabbiliti fil-linji baġitarji rilevanti fil-proċedura baġitarja annwali.

Huma probabbli wkoll kontribuzzjonijiet volontarji għall-baġit tal-NPFC tal-linja baġitarja 08.04.02, b'mod partikolari biex jippromwovu r-riċerka xjentifika. Dawn il-kontribuzzjonijiet huma stmati għal madwar EUR 200 000 fis-sena. Il-linja baġitarja tipprevedi wkoll assistenza teknika biex jiġi appoġġat l-għoti ta' pariri xjentifiċi waqt il-laqgħat tal-NPFC. Huwa stmat li dan se jiswa EUR 10 000 fis-sena. L-esiġenzi preċiżi se jiffurmaw parti mill-ammonti stabbiliti fil-linji baġitarji rilevanti fil-proċedura baġitarja annwali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta’ implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta’ spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli.

2021/0184 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Parlament Ewropew[7],

Billi:

(1) Fit-22 ta' Ġunju 2018[8], il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tiftaħ negozjati mal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana, biex l-Unjoni Ewropea taderixxi mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku ("il-Konvenzjoni").

(2) L-Unjoni għandha l-kompetenza li tadotta miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skont il-politika komuni tas-sajd u li tagħmel ftehimiet ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

(3) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE[9], l-Unjoni hija Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, li tirrikjedi lill-membri kollha tal-komunità internazzjonali jikkooperaw fil-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi bijoliġiċi tal-baħar.

(4) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE[10], l-Unjoni hija Parti Kontraenti tal-Ftehim li jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li għandha x'taqsam mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-stokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi.

---

7 ĠU C , , p. .

8 ST 10082 2018.

9 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

10 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE tat-8 ta' Ġunju 1998 dwar ir-ratifika mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim sabiex jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li għandha x'taqsam mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-stokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14.).

(5) Fis-sitt sessjoni annwali tagħha mit-23 sal-25 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana stiednet lill-Unjoni Ewropea biex taderixxi mal-Konvenzjoni[11].

(6) L-adeżjoni mal-Konvenzjoni se tippromwovi l-konsistenza fl-approċċ għall-konservazzjoni tal-Unjoni madwar l-oċeani tad-dinja u ssaħħaħ l-impenn tagħha lejn il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tas-sajd fil-livell dinji. F'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna" u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-komunikazzjoni konġunta, il-promozzjoni ta' miżuri għall-appoġġ u t-tisħiħ tal-effikaċja tal-RFMOs u, fejn rilevanti, it-titjib tal-governanza tagħhom, hija karatteristika ċentrali tal-azzjoni tal-UE f'dawn il-fora[12].

(7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13], u ta l-opinjoni tiegħu nhar […].

(8) Għalhekk jenħtieġ li l-Unjoni Ewropea taderixxi għall-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku ("il-Konvenzjoni") hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Konvenzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

F'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tiddepożita l-istrument tal-adeżjoni mal-Gvern tar-Repubblika tal-Korea, li jaġixxi fil-kapaċità tiegħu bħala Depożitarju tal-Konvenzjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(4) tal-Konvenzjoni, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat b'dik il-Konvenzjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha[14].

Magħmul fi Brussell,

F'isem il-Kunsill
Il-President

[11] Ir-Rapport tas-sitt Laqgħa tal-Kummissjoni tas-Sajd tat-Tramuntana tal-Paċifiku, mit-23 sal-25 ta' Frar 2021 (vidjokonferenza), adottat fil-25 ta' Frar 2021.

[12] JOIN(2016) 49 final.

[13] ĠU L 259, 21.11.2018, p. 39.

[14] F'konformità mar-Regolament 2015/2264, il-ftehimiet internazzjonali jiġu tradotti għall-Irlandiż mill-1 ta' Jannar 2022 biss.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Werrej

1. FRAMEWORK OF THE PROPOSAL/INITIATIVE 4
1.1. Title of the proposal/initiative 4
1.2. Policy area(s) concerned 4
1.3. The proposal/initiative relates to: 4
1.4. Objective(s) 4
1.4.1. General objective(s) 4
1.4.2. Specific objective(s) 4
1.4.3. Expected result(s) and impact 4
1.4.4. Indicators of performance 4
1.5. Grounds for the proposal/initiative 5
1.5.1. Requirement(s) to be met in the short or long term including a detailed timeline for roll-out of the implementation of the initiative 5
1.5.2. Added value of Union involvement (it may result from different factors, e.g. coordination gains, legal certainty, greater effectiveness or complementarities). For the purposes of this point 'added value of Union involvement' is the value resulting from Union intervention which is additional to the value that would have been otherwise created by Member States alone. 5
1.5.3. Lessons learned from similar experiences in the past 6
1.5.4. Compatibility with the Multiannual Financial Framework and possible synergies with other appropriate instruments 6
1.5.5. Assessment of the different available financing options, including scope for redeployment 6
1.6. Duration and financial impact of the proposal/initiative 7
1.7. Management mode(s) planned 7
2. MANAGEMENT MEASURES 8
2.1. Monitoring and reporting rules 8
2.2. Management and control system(s) 8
2.2.1. Justification of the management mode(s), the funding implementation mechanism(s), the payment modalities and the control strategy proposed 8
2.2.2. Information concerning the risks identified and the internal control system(s) set up to mitigate them 8
2.2.3. Estimation and justification of the cost-effectiveness of the controls (ratio of "control costs ÷ value of the related funds managed"), and assessment of the expected levels of risk of error (at payment & at closure) 9
2.3. Measures to prevent fraud and irregularities 9
3. ESTIMATED FINANCIAL IMPACT OF THE PROPOSAL/INITIATIVE 10

3.1. Heading(s) of the multiannual financial framework and expenditure budget line(s) affected 10
3.2. Estimated financial impact of the proposal on appropriations 11
3.2.1. Summary of estimated impact on operational appropriations 11
3.2.2. Estimated output funded with operational appropriations 14
3.2.3. Summary of estimated impact on administrative appropriations 15
3.2.4. Compatibility with the current multiannual financial framework 17
3.2.5. Third-party contributions 17
3.3. Estimated impact on revenue 18

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Il-promozzjoni tal-governanza tal-oċeani fil-livell internazzjonali

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

X **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida segwita minn proġett pilota/azzjoni preparatorja**[15]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar ma' azzjoni oħra jew ridirezzjoni lejha/azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

L-objettivi strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva huma:

1) Patt Ekoloġiku Ewropew

– 2) Ewropa Aktar b'Saħħitha fid-Dinja

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku Nru 1

Sajd aktar sostenibbli u kompetittiv madwar id-dinja sal-2024

Objettiv speċifiku Nru 2

Sajd sostenibbli fid-dinja kollha u governanza tal-oċeani mtejba sal-2024

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/l-inizjattiva fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

L-Istati Membri tal-UE u l-operaturi ekonomiċi għandu jkollhom aċċess għaż-Żona tal-Konvenzjoni, li hija ġestita mill-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana (NPFC), l-entità stabbilita mill-Konvenzjoni għal dan il-għan.

L-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni se tkompli tippromwovi madwar id-dinja l-approċċ tal-Unjoni ta' konservazzjoni tal-oċeani kollha u ssaħħaħ l-impenn tagħha għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tas-sajd.

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

[15] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Numru ta’ bastimenti tas-sajd tal-UE impenjati fis-sajd
Numru ta’ qabdiet tal-UE
Sostenibbiltà aħjar u fit-tul tal-istokkijiet
Numru ta’ laqgħat tal-NPFC li fihom attendiet l-UE

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

L-operaturi tal-UE fin-Netherlands, fil-Litwanja, fil-Latvja, fil-Polonja u fil-Ġermanja qed jippruvaw ikabbru l-operazzjonijiet tas-sajd tagħhom fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku sabiex jikkonsolidaw ruħhom aktar bħala atturi globali. L-ekonomiji ta’ skala se jiġu promossi wkoll peress li l-flotta tal-UE diġà hija involuta f’operazzjonijiet tas-sajd fin-Nofsinhar tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tal-Fsheries (RFMO) ġirien, b’mod partikolari l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO). Il-parteċipazzjoni tal-UE fil-ħidma tal-NPFC se tikkontribwixxi wkoll għas-sostenibbiltà fit-tul tal-istokkijiet u se tappoġġa r-riċerka xjentifika rilevanti fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku f’konformità mal-objettivi esterni tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS).

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta’ dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*) Il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar taqa’ fil-kompetenza esklużiva tal-UE skont l-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Valur miżjud tal-Unjoni mistenni jkun iġġenerat (*ex post*) F’konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni se jkollha bħala l-għan ewlieni tagħha dan li ġej: (a) l-aċċess għar-riżorsi tas-sajd li jaqgħu fil-kompetenza tal-NPFC; (b) l-appoġġ u l-kontribut b’mod attiv għall-iżvilupp ta’ għarfien u parir xjentifiku; (c) it-titjib tal-koerenza tal-politika mal-inizjattivi tal-Unjoni, b’attenzjoni partikolari fuq attivitajiet ambjentali, kummerċjali u ta’ żvilupp, u t-tisħiħ tal-konsistenza tal-azzjonijiet li jittieħdu fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni xjentifika, teknika u ekonomika; (d) il-kontribut għal attivitajiet tas-sajd sostenibbli li huma ekonomikament vijabbli u jippromwovu l-impjiegi fl-Unjoni; (e) l-iżgurar li l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni barra l-ilmijiet tal-Unjoni jkunu bbażati fuq l-istess prinċipji u standards li japplikaw skont id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-PKS, waqt li jiġu promossi kondizzjonijiet ekwi ta’ kompetizzjoni għall-operaturi tal-Unjoni vis-à-vis operaturi oħra ta’ pajjiżi terzi;

(f) il-promozzjoni u l-appoġġ, fl-oqsma internazzjonali kollha, tal-azzjoni meħtieġa biex jinqered għalkollox is-sajd IUU;

(g) il-promozzjoni tal-istabbiliment u t-tisħiħ ta' mekkaniżmu ta' konformità pajjiż b'pajjiż.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

L-azzjonijiet tal-Kummissjoni fil-livell internazzjonali u bilaterali huma element importanti tal-prijorità tagħha għat-tisħiħ tar-rwol tal-UE bħala attur globali. Il-pożizzjonijiet tal-UE fl-RFMOs, li għalihom l-UE hija Parti Kontraenti, huma kollha bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, fuq l-istandards u l-prinċipji tal-PKS u fuq l-approċċ internazzjonali tagħna għall-governanza tal-oċeani. Madankollu, il-pożizzjonijiet ta' Partijiet Kontraenti oħra mhux dejjem jippermettu li jkun hemm appoġġ sħiħ. Il-Kummissjoni tirrappreżenta l-UE fil-laqgħat tal-RFMOs, għalhekk id-DĠ MARE mexxa n-negozjati rilevanti, filwaqt li b'mod konsistenti żgura konsultazzjonijiet xierqa mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, biex l-objettivi tal-PKS jiġu promossi fil-livell dinji.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Il-proposta tmexxi 'l quddiem l-aġenda globali u multilaterali li tippromwovi s-sajd sostenibbli mad-dinja kollha biex tindirizza kwistjonijiet kruċjali bħall-qerda tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) jew it-tnaqqis tal-kapaċità żejda tal-flotta.

Tintegra aħjar il-politiki dwar is-sajd, l-iżvilupp, l-ambjent, il-kummerċ u politiki oħra għal aktar avvanz fl-objettivi ta' governanza sostenibbli u responsabbli.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji baġitarji lill-NPFC se jiġu mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u l-Akkwakultura (FEMSA) fil-każ ta' kontribuzzjonijiet volontarji (għotjiet) u minn kontribuzzjonijiet obbligatorji lil korpi internazzjonali (it-tnejn ġestiti direttament) matul il-perjodu 2021–2027.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

X **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni mid-data li fiha l-Unjoni taderixxi mal-Konvenzjoni, li x'aktarx tkun fil-bidu tal-2022.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[16]

X **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– X mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għad iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Mill-2022, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-NPFC se jkunu ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent (CINEA). Kull kontribuzzjoni finanzjarja lill-NPFC fl-2021 se tkun ġestita mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd tal-Kummissjoni.

[16] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kondizzjonijiet.

L-NPFC hija obbligata torganizza laqgħa regolari mill-inqas darba kull sentejn għalkemm fil-prattika tiltaqa' kull sena. F'kull laqgħa regolari, l-NPFC tadotta baġit annwali b'kunsens, għal kull waħda mis-sentejn li jmiss. F'konformità mal-proċeduri tal-NPFC, il-Kummissjoni se teżamina, tivverifika u tikkummenta fuq l-abbozz ta' baġit ippreżentat mis-Segretarjat tal-NPFC għall-approvazzjoni lill-NPFC.

Is-Segretarjat tal-NPFC jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-NPFC fuq bażi annwali. L-NPFC tiskrutinizza l-eżekuzzjoni tal-baġit f'kull waħda mil-laqgħat regolari tagħha.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-baġit tal-NPFC jinqasam fost il-membri tagħha f'konformità ma' formula miftiehma. Membru tal-Kummissjoni li jkun sar membru matul sena finanzjarja għandu jikkontribwixxi għall-baġit ammont proporzjonali għan-numru ta' xhur sħaħ li jkun fadal fis-sena, ikkalkulat mill-jum meta sar membru.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji (obbligatorji) annwali mħallsa mill-UE lill-RFMOs li tagħhom hija membru jitħallsu minn linja baġitarja taħt Ġestjoni Diretta (08.05.02). Barra minn hekk, il-kontribuzzjonijiet volontarji mħallsa mill-UE lill-RFMOs li tagħhom hija membru, kif ukoll l-ispejjeż għall-assistenza teknika għall-appoġġ tal-għoti ta' pariri xjentifiċi fil-laqgħat tal-RFMOs, jitħallsu minn linja baġitarja taħt il-komponent tal-Ġestjoni Diretta tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (08.04.02).

L-elementi kollha tal-kontribuzzjoni tal-UE se jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta. Il-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni, il-modalitajiet ta' pagament u l-kontroll tat-tranżazzjonijiet se jirrispettaw il-prinċipji u r-regoli stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju (ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046).

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Il-membri tal-NPFC iħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-baġit tal-NPFC b'mod regolari u attwalment l-ebda membru ma huwa lura fil-kontribuzzjonijiet. Il-membri tal-Kummissjoni li ma jkunux ħallsu l-kontribuzzjonijiet sħaħ tagħhom għal sentejn konsekuttivi m'għandhomx ikunu intitolati jieħdu sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet, lanqas ma jkunu jistgħu jippreżentaw oġġezzjonijiet għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-NPFC, sakemm jissodisfaw l-obbligi finanzjarji tagħhom.

Is-sitwazzjoni finanzjarja tiġi evalwata kull sena mill-Kumitat dwar il-Finanzi u l-Amministrazzjoni. Isir awditjar annwali, minn awdituri esterni, tal-kontijiet bi tqabbil mal-impenji u n-nefqa approvati, u r-riżultati jiġu ppreżentati lill-NPFC.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-pagament u fl-għeluq)

L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha mal-NPFC, kemm fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet obbligatorji (miżati tas-sħubija) kif ukoll tal-għotjiet fil-forma ta' kontribuzzjonijiet volontarji, se tiġi ddelegata mill-Kummissjoni lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea dwar il-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent (CINEA). Id-delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lis-CINEA se tirriżulta fi gwadanji sinifikanti għad-DĠ MARE f'termini ta' ottimizzazzjoni tal-proċess u ta' ekonomiji ta' skala, filwaqt li tippermetti lid-DĠ jikkonċentra fuq il-kompiti relatati mal-politika.

Minħabba l-ammonti annwali baxxi u n-natura tat-tranżazzjonijiet (miżati tas-sħubija u għotjiet diretti), hija mistennija rata tal-errur baxxa ħafna.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi.

Il-baġit annwali tal-NPFC u l-previżjoni tan-nefqa jitħejjew mis-Segretarjat tal-NPFC kull sena u mbagħad jiġu evalwati u approvati mill-Kumitat dwar il-Finanzi u l-Amministrazzjoni li joħroġ rakkomandazzjoni lill-NPFC dwar l-approvazzjoni tagħhom. Isir awditjar annwali mill-awdituri esterni tal-kontijiet bi tqabbil mal-impenji u n-nefqa approvati, li r-riżultati tiegħu jiġu ppreżentati lill-NPFC.

L-azzjonijiet kollha koperti minn din id-Deċiżjoni u ffinanzjati mill-baġit tal-UE se jsegwu l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti u se jkunu soġġetti għall-awditi finanzjarji proprji tal-Kummissjoni inkluż l-IAS, u għall-awditi mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

<u>Fl-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff[17].	mill-pajjiżi tal-EFTA[18]	mill-pajjiżi kandidati[19]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
3	08.01.03.01	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
3	08.04.02	Diff.	LE	LE	LE	LE
3	08.05.02	Diff.	LE	LE	LE	LE
7	20.02.06.01	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
7	20.01.02.01	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

[17] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

[18] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[19] Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

In-nefqa annwali tkun tiddependi mill-kontribuzzjoni li l-UE trid tagħmel għall-baġit tal-NPFC, li jiġi deċiż mill-NPFC fil-laqgħa regolari tagħha abbażi ta' formula miftiehma. Attwalment il-kontribuzzjoni hija stmata għal massimu ta' EUR 60,000 fis-sena iżda tista' tiżdied skont l-attività tas-sajd annwali tal-flotta tal-UE.

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	3 Riżorsi Naturali u Ambjent

DĠ: MARE			Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
Linja baġitarja: 08.05.02	Impenji	(1a)	0.030	0.060	0.060	0.060	0.060	0.060	0.060	**0.39**
	Pagamenti	(2 a)	0.030	0.060	0.060	0.060	0.060	0.060	0.060	**0.39**
Linja baġitarja: 08.04.02	Impenji	(1b)	0	0.200	0.200	0.200	0.200	0.200	0.200	**1.2**
	Pagamenti	(2b)	0	0.200	0.200	0.200	0.200	0.200	0.200	**1.2**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[20]										
Linja baġitarja: 08.01.03.01		(3)	0	0.010	0.010	0.010	0.010	0.010	0.010	**0.060**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ MARE	Impenji	=1a+1b +3	0.030	0.270	0.270	0.270	0.270	0.270	0.270	**1.65**
	Pagamenti	=2a+2b +3	0.030	0.270	0.270	0.270	0.270	0.270	0.270	**1.65**

[20] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0.030	0.260	0.260	0.260	0.260	0.260	0.260	**1.59**
	Pagamenti	(5)	0.030	0.260	0.260	0.260	0.260	0.260	0.260	**1.59**
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0	0.010	0.010	0.010	0.010	0.010	0.010	**0.060**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0.030	0.270	0.270	0.270	0.270	0.270	0.270	**1.65**
	Pagamenti	=5+ 6	0.030	0.270	0.270	0.270	0.270	0.270	0.270	**1.65**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela billi tintuża d-“*data* bażitarja ta’ natura amministrattiva” li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għall-finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
DĠ: MARE									
• Riżorsi umani		0.046	0.046	0.046	0.046	0.046	0.046	0.046	**0.322**
• Nefqa amministrattiva oħra		0.008	0.020	0.020	0.020	0.020	0.020	0.020	**0.128**
TOTAL tad-DĠ MARE	Approprjazzjonijiet	0.054	0.066	0.066	0.066	0.066	0.066	0.066	**0.450**

TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	0.054	0.066	0.066	0.066	0.066	0.066	0.066	**0.450**

miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0.084	0.336	0.336	0.336	0.336	0.336	0.336	**2.1**
	Pagamenti	0.084	0.336	0.336	0.336	0.336	0.336	0.336	**2.1**

3.2.2. Output stmat iffinanzjat b'approprjazzjonijiet operazzjonali

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ⇩			Sena **2021**		Sena **2022**		Sena **2023**		Sena **2024**		Sena **2025**		Sena **2026**		Sena **2027**		**TOTAL**	
	OUTPUTS																	
	Tip[21]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[22] Sajd aktar sostenibbli u kompetittiv madwar id-dinja sal-2024																		
- Output 1	Nru stokkijiet mistada fl-			0.020		0.040		0.040		0.040		0.040		0.040		0.040		0.260
- Output 2	Profittabilità tal-flotta tal-			0.010		0.020		0.020		0.020		0.020		0.020		0.020		0.130
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1				0.030		0.060		0.060		0.060		0.060		0.060		0.060		0.390
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 Sajd aktar sostenibbli madwar id-dinja u governanza tal-oċeani mtejba sal-2024																		
- Output	Is-CMs adottati fuq parir					0.200		0.200		0.200		0.200		0.200		0.200		1.2
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2						0.200		0.200		0.200		0.200		0.200		0.200		1.2
TOTALI				0.030		0.260		0.260		0.260		0.260		0.260		0.260		1.59

[21] L-outputs huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (pereżempju: numru ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

[22] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…"

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0.046	0.046	0.046	0.046	0.046	0.046	0.046	**0.322**
Nefqa amministrattiva oħra	0.008	0.020	0.020	0.020	0.020	0.020	0.020	**0.128**
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.054	0.066	0.066	0.066	0.066	0.066	0.066	**0.450**

Barra mill-INTESTATURA 7[23] of the multiannual financial framework								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL	**0.054**	**0.066**	**0.066**	**0.066**	**0.066**	**0.066**	**0.066**	**0.450**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[23] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Ir-rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

		Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)								
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		0.3	0.3	0.3	0.3	0.3	0.3	0.3
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)								
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)								
01 01 01 11 (Riċerka diretta)								
Linji baġitarji oħra (speċifika)								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)[24]								
20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")								
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)								
XX 01 xx **ss zz** [25]	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)								
01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta)								
Linji baġitarji oħra (speċifika)								
TOTAL		**0.3**	**0.3**	**0.3**	**0.3**	**0.3**	**0.3**	**0.3**

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ġestjonarju skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Il-kontribut lejn il-ġestjoni sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar f'ilmijiet internazzjonali u prestazzjoni mtejba tal-NPFC f'konformità mal-objettivi tal-PKS u d-dimensjoni esterna tagħha u l-prijoritajiet ta' DĠ MARE. Il-promozzjoni tal-prinċipji u l-istandards tal-PKS għall-konservazzjoni, il-kontroll u l-miżuri ta' infurzar fl-NPFC u f'dak il-kuntest l-iżvilupp tal-istrateġiji ta' negozjar biex jinkisbu l-objettivi tal-UE. It-twettiq ta' analiżi u l-iżvilupp ta' miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni tas-sajd fl-RFMOs waqt li tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-politika fl-implimentazzjoni tal-PKS. L-impenn fi djalogu regolari mal-partijiet ikkonċernati u ż-żamma ta' relazzjonijiet kostruttivi mal-Istituzzjonijiet u l-korpi internazzjonali l-oħra.
Persunal estern	

[24] AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

[25] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/l-inizjattiva:

– X tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (il-QFP).

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Ipprovdi tabella tal-Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira.

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti u l-istrumenti li qed jiġi propost li jintużaw.

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

– X ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **N**[1]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati								

[1] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

☐ jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[2]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu …….								

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Ma hemmx

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

Ma hemmx

[2] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % tal-kostijiet tal-ġbir.